# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**PAPA KALLISTU III**





Alonso Borgia twieled gewwa Xativa hdejn Valencia minn familja antika katalana fit-13 ta' Jannar, 1378. Ha l-lawrea ta' professur fil-ligi kanonika gewwa l-Universita ta' Lerida u mahtur kanonku mill-antipapa Benedittu XIII. Huwa uza l-influwenza tieghu biex jirrkoncilja lil antipapa Klement VIII, is-successur ta' l-antipapa Benedittu XIII ma' Martin V. Martin V hatru isqof ta' Valencia u Alonso wera l-lealta' tieghu meta rrifjuta li jkun parti mill-ambaxxata li marret biex tinnegozja fil-koncilju xizmatiku ta' Basilea. Ewgenju VI hatru kardinal u stiednu li jinghaqad biex jaghti sehemu fil-kurja rumana, fejn serva bil-ghaqal u ddistingwa ruhu.

Wara l-mewt ta' Nikola V il-kardinali fil-konklavi ma rnexxilhomx itellghu l-papa ghaliex bil-voti taghhom naqsu li

jiftiehmu fuq Capranica jew Bessarion. F'ghazla ohra l-voti kollha daru fuq Alonso Borgia li accetta u ha l-isem ta' Kallistu III.

Ghalkemm kellu 77 sena Kallistu kien ghadu mimli energija. L-ghan principali tieghu kien li jsalva lill-Kristjanezmu mit-Torok . Minhabba f'hekk huwa waqqaf dak kollu li ma kellux x'jaqsam ma' dan il-pjan. L-artisiti li kienu qed jizvolgu l-hiliet taghhom qalghu daqqa ta' harta u kienu jixtiequ dawk iz-zminijiet ta' Nikola V. Il-flus xorta baqghu dehlin imma biex imorru ghand il-generali u dawk li kienu jahdmu l-munizzjon aktar milli ghall-poeti u artisti. Il-papa ried juri u jaghmel hiltu kollha biex jekk jigri li parti kbira mill-Ewropa tal-Lvant taqa' taht id-dominazzjoni Torka dan ma kienx ikun tort tal-papiet. Il-prestigju tal-papat f'dawk iz-zminijiet kien kull ma jmur jonqos fl-importanza. Kien ghalxejn li Kallistu talab, heggeg u hedded lis-slaten ta' l-Ewropa .....hadd ma kien jintereesah fil-pjan tieghu.

Kallistu kellu mument wiehed ta' glorja fit-tmexxija tieghu meta Giovanni Hunyadi, Ungeriz akkumpanjat mill-qaddis San Gwann Capistrano, salva lil Belgrad mill-qawwa Torka. Kienet rebha mill-akbar, imma sfortunatament Hunyadi miet ftit wara. Ma kellux successur u r-rebha ta' Belgrad ma qajmitx interess mis-slaten ta' l-Ewropa. Ghalkemm Kallistu kien imhabbat bl-idea tal-Krucjata, huwa sab zmien biex jerga' jiftah il-kawza ta' Giovanna D'Arco li intemmet bi trionf ghal din l-eroj.

Il-Papa Kallistu kien bniedem ta' hajja iebsa u f'hafna manjieri kien papa tajjeb. Kellu difett wiehed li kien ta' periklu kbir bhala mexxejj spiritwali. Kien ihobb hafna lil familja tieghu u minhabba f'hekk hafna Katalani sabu kenn f'Ruma u gawdew il-favuri tal-papa, haga li ddisgustat lir-Rumani. Huwa hatar liz-zewg neputijiet tieghu kardinali minkejja li kienu ta' eta' zghira.

Kallistu miet meta hsibijietu kienu mimlija pjanijiet ghall-futur fis-6 ta' Awissu 1458. Il-mewt tieghu gabet hafna tqanqil u inkwiet f'Ruma minhabba li hafna ma kienux jaraw ghajn b'ghajn ma' dan il-papa katalan.